MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MAGRI ALBERT J.

Seduta ta' 02 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 905/2001/1

Edgar Galea ghan-nom u in rappre-sentanza tad-ditta assikuratrici Citadel Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Wayne Pisani kif ukoll l-istess Wayne Pisani
Vs
Benny sive Benedict Buhagiar

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fl-24 ta' Mejju 2001 li permezz taghha l-atturi filwaqt li ppremettew ilii fit-2 ta' Frar 2000 gewwa Hal Luqa waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura numru BAR 764 huwa habat mal-vettura numru WYN 190 proprjeta' tal-assikurat ta' l-attur Wayne Pisani li dak il-hin kienet qed tinsaq minnu; illi ghal dan l-incident kien unikament responsabbli l-konvenut li minhabba traskuragini u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku mar fuq in-naha l-hazina tat-triq bir-risultat li huwa habat mal-vettura misjuqa minn Wayne Pisani u dana kif ser jigi spejgat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza u kif jidher car mir-rapport tal-pulizija; illi b'konsegwenza ta'

dan l-incident il-vettura WYN –190 garbet hsarat estensivi u dana kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza; illi l-vettura numru WYN 190 kienet assikurata “comprehensive” mas-socjeta’ attrici u billi saret claim l-assikurazzjoni hallset ghat-tiswija taghha s-somma ta’ LM1707.92, kif ukoll hallset LM3.00 ghar-Road Accident Report u LM10.00 ghas-survey report, b’kollox hallset is-somma ta’ LM1720.92 li minnhom trid tnaqqas excess ta’LM100 imhallsin skond il-polza u ghalhekk l-ammont sborsat mill-assikurazzjoni huwa ta’ LM1620.92; illi l-attur Wayne Pisani bhala konsegwenza ta’ dan l-incident hallas LM100 excess u LM67.00 bhala ‘loss of use’, b’kollox hallas LM167.00; illi l-konvenut iterpellat sabiex jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti mil-atturi baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha issir din il-kawza; talbu li din il-Qorti:-

1. tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi li gara gewwa Hal-Luqa fit-2 ta’ Frar 2000 u ghad-danni li soffrew l-atturi;
2. tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta’ attrici b’rizultat ta’ dan l-incident fl-ammont ta’ LM1602.92 jew somma ohra verjuri okkorredo bl-opera ta’ periti nominandi;
3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici dik is-somma li tigi hekk likwidata bl-imghaxijiet mid-data tan-notifika ta’ din ic-citazzjoni;
4. tillikwida d-dani sofferti mill-attur Pisani b’risultat ta’ dan l-incident fis-somma a’ LM167.00 jew somma verjuri okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi;
5. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur Pisani dik is-somma li tigi hekk likwidata bl-imghaxijiet mid-data tan-notifika tal-presenti.

Bl-ispejjes, komprizi dawk ta’ ittra ufficjali datata 29 ta’ Marzu 2001, u ta’ ittra uffijclai ohra ppresentata kontestwalment ma’ din ic-citazzjoni kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, spejjes ta’ parir LM20.00 kontra l-istess konvenut li jibqa’ minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-atturi.

Rat in-nota tal-konvenut ppresentata fis-6 ta’ Novembru 2001 li permezz taghha eccepixxa illi t-talbiet attrici huma

nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra tieghu stante li l-incident awtomobilistiku mertu ta’ din il-kawza sehh kawza ta’ traskuragini u nuqqas ta’osservanza tar-Regolamenti tat-traffiku da parti ta’ l-attur Wayne Pisani meta naqas li jzomm ‘proper look out’ qabel ma hareg mill-garage tieghu biex johrog fit-triq.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

Rat il-verbal ta’ l-udjenza tat-13 ta’ Novembru 2001 ta’ din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tas-26 ta’ Novembru 2001 sabiex tigi trattata u deciza.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u tas-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-kontendenti. Accediet ukoll fuq il-post bi ftehim mal-kontendenti.

Rat il-verbal ta’ l-udjenza tal-15 ta’ Lulju 2002 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Din il-kawza tikkoncerna ncident awtomobilistiku li sehh fit-2 ta’ Frar 2000 ghal haba ta’ 12.00 p.m. gewwa Hal Saflieni Street, Luqa. Involuti kien hemm il-Mercedes numru WYN – 190 misjuqa minn Wayne Pisani li dak il-hin kienet hierga minn go garaxx fuq il-lemin tat-triq (int u diehel il-gewwa fl-istess triq), u l-Van Isuzu numru BAR – 764 misjuqa mill-konvenut li kien jinsaq fit-triq diehel il-gewwa. Sehh impatt bejn il-vetturi imsemmija billi dik ta’ l-attur giet milquta fil-faccata bi sbrixx mix-xellug ghal-lemin, filwaqt li l-van tal-konvenut jidher li kellu hsarat zghar fuq il-mudguard ta’ wara tax-xellug.

L-attur qed jsostni li dan l-incident sehh tort tal-konvenut billi l-istess konvenut kien qed isuq fuq in-naha l-hazina tat-triq, bi speed eccessiv u meta ha azzjoni evaziva l-van gibidlu lejn ix-xellug u b’hekk laqat lill-attur. Il-konvenut ghal kuntrarju jghid li huwa ma ghandux tort billi l-ewwel

nett kien jsuq f'nofs tat-triq minhabba vetturi li kien hemm ipparkjati fuq ix-xellug tieghu, ma kienx mixi b'xi speed eccessiv u kienet l-vettura misjuqa mill-attur li kkawzat l-incident billi harget meta huwa kien ghaddej.

Hemm nuqqas ta' qbil bejn il-kontendenti dwar il-presenza ta' vetturi pparkjati fuq ix-xellug tal-Van billi l-attur jsostni, ghalkemm b'mod ftit ambigwu, li faccata l-garaxx tieghu ma kienx hemm vetturi pparkjati. Qed jinghad li din hija xhieda ambigwa billi ma teskludix l-possibilita' li aktar lura (cioe mid-direzzjoni minn fejn kien gej l-konvenut,) jew sahansitra aktar il-quddiem mill-istess garaxx, seta' kien hemm vetturi pparkjati li kienu l-kawza tas-sewqan tal-konvenut f'nofs tat-triq. Wara kollox it-traffiku mhux mistenni li fi triq dritt joqghod jserrep – cioe diehel u hiereg mix-xellug lejn nofs it-triq u vice versa kull darba li jsib vettura ipparkjata jew spazju bejn vetturi hekk ipparkjati. B'dana kollu din il-Qorti, fl-assenza ta' prova cara ma tistax taccetta la verzjoni u lanqas ohra dwar il-presenza ta' vetturi pparkjati fuq ix-xellug tal-konvenut partikolarment billi fl-istess 'okkorrenza' tal-incident ma jissemma xejn dwar dan.

Kif inghad fuq din il-Qorti accediet fuq il-post wahedha biex tiehu konjizzjoni tal-ambjent fejn grat il-habta. Irrizulta li din hija triq fir-rahal ta' Hal Luqa b'superfici pjuttost malandat. Izda l-karreggata hija relattivament wiesgha u, mil-fetha tal-garaxx tal-attur lejn ix-xellug hemm vizwali tajba hafna fit-tul billi t-triq hija dritta xema. Infatti gie konstat ukoll li minn fejn hareg l-attur wiehed jista' jara l-hanut imsemmi mill-konvenut fejn dan kien qed iservi qabel l-incident.

Issa din il-Qorti hija tal-fehma li f'incidenti awtombilistici bejn vettura mixja fit-triq ghall-affari taghha u vettura hierga minn garaxx li jisbokka fuq l-istess triq, jinkombi lis-sewwiq tal-vettura hierga ghal fuq it-triq li juza attenzjoni partikolari billi bil-manuvra tieghu jkun ser jostakola l-passagg liberu tal-vetturi fit-triq. Dan huwa aktar indikat meta l-istess vettura li tkun hierga minn gewwa garaxx jkollha vetturi ohra ipparkjati taht il-bankina fuq in-naha taghha sew fuq il-menin kemm fuq ix-xellug. Dan l-obbligu

jissarraf f'*proper look out* u cioe minn jkun hiereg jrid jaccerta ruhu li ma jkunx hemm traffiku gew fit-triq qabel ma jittanta johrog.

L-attur Pisani jsostni li meta gie milqut il-vettura tieghu kienet wieqfa kompletament. Ma setghax jeskludi jekk ma l-impatt din setghet resqet lura. Biss jirrizulta li l-brake mark tal-van misjuq mill-konvenut jinsab cirka metru l-barra mil-linja tal-karozzi pparkjati, ghalhekk certament l-estremita' tal-karozza tal-attur involuta fl-incident f'dak il-mument kienet qed tesporgi l-barra mil-linja tal-vetturi pparkjati b'mod li sar kuntatt mal-van li kien jinsab cirka tlett pidi l-boghod. Minn dan din il-Qorti tifhem li ghalkemm seta' kien minnu li Pisani waqaf l-ewwel darba biex jara x'kien hemm fit-triq, meta rega mexa dan ma waqafx linja mal-karozzi pparkjati izda baqa' hiereg b'mod li habat mal-konvenut. Tenut kont tal-fatt, kif inghad fuq, li t-triq tippermetti vizwali tajba lejn ix-xellug ghall-attur Pisani, zgur li dan ma kienx attent ghat-traffiku huwa u jaghmel il-manuvra tieghu – altrimenti kien jinduna bil-konvenut gej. Mil-posizzjoni tal-brake mark tal-van jidher li dawn jikkoroboraw dak li qed jghid l-konvenut u cioe li huwa qatt ma ra l-Mercedes hierga u li induna biss bid-daqqa li ha mal-gemb. Infatti l-brake mark jibda wara l-impatt. Din ix-xhieda tkompli turi li l-attur qabad u hareg fit-triq meta gja kien hemm vettura qed tostakolalu l-passagg liberu tieghu.

Minn dan kollu din il-Qorti hija tal-fehma li l-incident fuq imsemmi sehh kompletament tort u htija ta'Wayne Pisani billi dan hareg ghal fuq it-triq minghajr ma zamm 'a proper look out'. Il-fatt li l-konvenut seta' kien xi ftit 'wrong side' mhux fattur kontributorju ghall-akkadut billi fl-ewwel lok dan seta' kien kawzat minhabba l-vetturi pparkjati fuq ix-xellug tieghu, fit-tieni lok l-incident ma sehhx ma vettura gejja mil-faccata izda ma vettura hierga minn gewwa garaxx, u fl-ahharnett bil-vizwali li kellu l-konvenut dan kien assikurat li ma kienx hemm la vetturi gejjin u lanqas xi vettura hierga kif ghamlet dik ta' l-attur Pisani. Dwar speed fis-sewqan tal-konvenut dan ma jirrizultax. Infatti l-konvenut jsemmi speed ta' cirka 15/20 m.f.s. li huwa speed permess fil-lokalita', l-istess Pisani ma jsemmi ebda

speed fil-van u l-istess brake mark (li ghandu jinghad zamm fuq rota wahda b'mod li l-istopping distance jkun itwal) huwa indikattiv ta' speed moderat billi ukoll l-vettura tal-konvenut ma waqfitx bl-impatt billi dan kien biss sbrixx mal-gemb.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra l-atturi.

Onor Imhallef Albert J. Magri